# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 440/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Stephen Farrugia**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Stephen Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 539664M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Frar, 2015, Marzu, 2015 u April 2015 fil-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skont Kap 9 Artiklu 18, naqas li jaghti lil Sharon Claudette Bezzina, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skont Kap 9 tal-Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2015 li biha sabet lill-imsemmi Stephen Farrugia hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant adixxa lil din il-Qorti bl-appell odjern bil-gravami illi l-ewwel Qorti ma taghtux l-opportunita' illi jixhed kif ukoll illi ma kellux l-intenzjoni illi jwettaq dan ir-reat izda li kienu ic-cirkostanzi finanzjarji tieghu ta' dak inhar li qieghdu fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment;
2. Il-kwerelanta xehedet illi wara s-sentenza appellata l-appellant hallas l-ammont kollu minnu dovut u ghalhekk ma kienx ghad ghandha pretensjonijiet kontra tieghu. L-appellant xehed illi f'dak iz-zmien kien ghaddej minn sitwazzjoni finanzjarja hazina, ma kienx qed jahdem, ma kellux paga u ghalhekk ma setghax ihallas;

3. IL-Qorti tosserva illi minkejja li l-appellant jghid illi ma thalliex jixhed quddiem l-ewwel Qorti, il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) juri illi huwa fil-fatt xehed. Tosserva ukoll, izda, illi dakinhar l-appellant ma kienx assistit minn avukat u dan fuq xelta tieghu. Issa jista' jaghti l-kaz illi dak li ried jghid quddiem il-Magistrat decident ma kienx impostat bil-modalita' kif inhu struit biex jaghmel avukat fid-difiza tal-persuna u b'hekk allura din il-Qorti tifhem illi meta l-appellant jghid li ma thalliex jixhed ried jghid li ma thalliex jghid dak li jrid biex jiggustifika r-raguni ghaliex naqas milli jhallas il-manteniment dovut;

4. Jinghad, izda, illi ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut. Tifhem ukoll din il-Qorti illi bl-intervent tieghu quddiem l-ewwel Qorti huwa ried ifisser li f'dak il-hin ma kellux bizzejjed mezzi. Dan huwa rifless sia fil-fatt illi ma xtaqx ikun assistit kif ukoll illi l-appell tieghu kien redatt mill-Avukat tal-Ghajnuna Legali. F'dak il-kaz l-ewwel Qorti setghet akkordatlu differiment sabiex jew jottjeni il-fondi jew almenu ikun assistit biex jaghmel id-difiza tieghu;

5. F'dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont li l-appellant ottempera ruhu, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement s-sentenza appellata qed tkun imhassra u l-appellant qed ikun liberat minn kull htija u piena;